MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MC KEON**

Seduta tal-11 ta' Frar, 2014

Rikors Numru. 1051/2013

**Rikors ai termini tal-Artikolu 214(1)(a) tal-Kap 386**

**D.A.G. Company Limited (C9715)**

***kontra***

**X**

**Il-Qorti :**

## I. Preliminari

Rat ir-rikors illi s-socjeta` D.A.G. Company Limited (C9715)ipprezentat fil-<u>5 ta` Novembru 2013</u> li jaqra hekk –

*Illi l-kumpannija rikorrenti giet kostitwita fit-tnejn (2) ta` Gunju 1998 u kopja ta` l-istatut taghha jinsab hawn anness u mmarkat Dokument "A" ;*

*Illi l-kumpannija rikorrenti tikkonferma illi fil-25 ta` Ottubru 2013 ittiehdet risoluzzjoni straordinarja tal-azzjonisti ta` l-istess kumpannija rikorrenti hawn anness u mmarkat Dokument "B" permezz ta` liema, b`vot unanimu gie deciz li l-imsemmija kumpannija tigi stralcjata u xjolta minn din l-Onorabbli Qorti ;*

*Illi din ir-rizoluzzjoni tal-kumpannija rikorrenti ttiehdet ai termini ta` l-Artikolu 214(1)(a) u giet approvata mill-azzjonisti kollha ta` l-istess kumpannija u r-Registratur tal-Kumpanniji gie nfurmat b`dan permezz tas-sottomissjoni tal-formola appozita ;*

*Illi ai termini tal-fuq imsemmi Artikolu 214(1)(a) galadarba l-kumpannija tirrizolvi b`rizoluzzjoni straordinarja li l-kumpannija ghandha fil-fatt tigi xolta u tkun stralcjata mill-Qorti, ghalhekk il-Qorti ghandha tordna tali xoljiment u stralc ;*

*Ghaldaqstant abbazi tas-suespost ir-rikorrenti jitolbu bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti, in vista tal-fatt li ttiehdet rizoluzzjoni straordinarja tal-kumpannija rikorrenti li din ghandha xxolji u tkun stralcjata mill-qorti, tordna illi l-kumpannija D.A.G. Company Limited (C9715) tigi xjolta u konsegwentement stralcjata minn din l-Onorabbli Qorti u dan abbazi ta` l-artikolu 214(1)(a) tal-Kap 386 tal-Ligijiet ta` Malta.*

Rat id-dokumenti li kienu esebiti mar-rikors.

Rat id-digrieti taghha tal-4 ta` Dicembru 2013 u tad-9 ta` Jannar 2014.

Rat in-nota b`dokumenti li kien prezentat mir-rikorrenti.

Rat id-digriet taghha tat-30 ta` Jannar 2014 fejn appuntat ir-rikors ghas-smigh ghall-udjenza tal-lum.

Rat il-verbal tal-udjenza tal-lum.

.

Rat id-digriet taghha tal-lum fejn halliet il-kawza ghal provvediment ghal-lum stess.

**Ikkunsidrat :**

**II. <u>Dritt</u>**

Bil-procedura tal-lum, il-kumpannija rikorrenti qeghda titlob lil din il-Qorti sabiex tordna x-xoljiment u l-stralc konsegwenzjali taghha skond l-**<u>Art.214(1)(a) tal-Kap.386</u>** tal-Ligijiet ta' Malta.

Id-disposizzjoni li fuqha qeghda tistrieh il-kumpannija rikorrenti taqra hekk –

*Kumpannija xxolji u konsegwentement tigi stralcjata fil-kazijiet li gejjin –*

*…*

*(a) il-kumpannija tirrisolvi b`rizoluzzjoni straordinarja li l-kumpannija ghandha xxolji u tkun stralcjata mill-qorti ;*

Il-kumpannija rikorrenti ghandha *locus standi* f`dan il-procediment abbazi tal-**Art.218(1)(a) tal-Kap.386** li jaqra hekk **–**

*Talba lill-qorti (aktar 'il quddiem imsejha "rikors ghal stralc") ghal –*

*(a) stralc ta' kumpannija mill-qorti skond l-artikolu 214(1)(a)*

*…*

*ghandha ssir b'rikors li jista' jsir jew mill-kumpannija wara decizjoni tal-laqgha generali jew mill-bord tad-diretturi taghha jew minn xi detentur ta' obbligazzjoni, kreditur jew kredituri, jew minn xi kontributorju jew kontributorji …*

Fil-kaz tal-lum, hija l-kumpannija **stess** illi qeghda tipprezenta r-rikors wara risoluzzjoni li hadu l-azzjonisti **kollha** tal-kumpannija.

Jirrizulta li r-Registratur tal-Kumpanniji kien notifikat b`kopja tar-rikors promotur skond l-**Art.218(8)** tal-Kap.386.

L-**Art.214** tal-Kap.386 jirregola x-xoljiment u l-istralc ta` kumpanniji.

Issa hemm kazi specifikati fil-ligi stess fejn xoljiment u stralc ***ghandhom*** (***shall***) jigu ordnati, u ohrajn fejn xoljiment u stralc ***jistghu*** (***may***) jigu ordnati.

Il-kazi fejn topera x-***shall*** huma dawk indikati fil-paragrafi (**a**) u (**b**) tas-subinciz (**1**) tal-Art.214.

Fil-kaz tal-lum, il-kumpannija rikorrenti qeghda tistrieh fuq dak li jipprospetta l-paragrafu (**a**) u cioe` x-xoljiment u stralc mill-qorti.

Dan qieghed jinghad ghaliex l-unika differenza bejn l-(**a**) u (**b**) tas-subinciz (**1**) tal-Art.214 hija li filwaqt li fl-(**a**) ir-rizoluzzjoni straordinarja tghid li x-xoljiment u stralc ghandu jsir mill-qorti, fil-kaz tal-(**b**) ir-rizoluzzjoni straordinarja tghid li x-xoljiment u stralc ghandu jsir volontarjament.

Issa l-kazi fejn topera il-***may*** huma dawk indikati fis-subparagrafi (**i**) u (**ii**) tal-paragrafu (**a**) tas-subinciz **(2)** tal-Art.214. Ir-rikorrenti mhix taghmel talba skond dawn id-disposizzjonijiet.

Ix-***shall*** topera wkoll (din il-Qorti tghid <u>**b`riserva**</u>) fil-kazi indikati fil-paragrafi (**i**) sa (**iv**) tal-paragrafu (**b**) tas-subinciz (**2**) tal-istess Art.214. Din il-Qorti taghmel riserva ghar-raguni li l-Art.214(2)(b) jitkellem <u>**biss**</u> dwar xoljiment mhux ukoll dwar l-stralc fl-erba` kazi hemm specifikati. Dan huwa hekk ghax b`effett tal-Art.214(3) <u>***l-istralc***</u> huwa diskrezzjoni tal-qorti f`dawk l-erba` kazi.

**Ikkunsidrat :**

**III. <u>Risultanzi</u>**

Mill-provi akkwiziti, jirrizulta l-kumpannija rikorrenti giet registrata bin-Nru. C9715 fit-2 ta` Gunju 1988 (Dok A) u kkonformat ruhha mal-Att tal-1995 dwar il-Kumpanniji.

L-*authorised share capital* tal-kumpannija huwa ta` Lm25,000 (ekwivalenti ghal €58,234.33) diviz fi 25,000-il sehem Ordinarju ta` Lm1 kull sehem. *L-issued share*

*capital* huwa ta` Lm5,000 (ekwivalenti ghal €11,646.87) diviz fi 5,000 sehem Ordinarju ta` Lm1 kull sehem *fully paid up.*

L-azzjonisti tal-kumpannija huma :

1) Joseph Gatt (ID 616853M) li ghandu 1041-il sehem Ordinarju ;
2) Anthony Gatt (ID 617561M) li ghandu 1041-il sehem Ordinarju ;
3) Rita Gatt (ID 23863M) li ghandha 1042-il sehem Ordinarju ;
4) Maria Brincat (ID 337056M) li ghandha 1042-il sehem Ordinarju ; u
5) Catherine Gatt (ID 166233M) li ghandha 834-il sehem Ordinarju.

Kull sehem ghandu valur nominali ta` €2.329373.

Mill-atti socjetarji, jirrizulta li *the objects for which the company shall be established are : (i) the following main activity shall be the main activity of the Company and the business of the Company shall consist principally of this activity :- (a) to purchase, take on lease, exchange, lease or acquire by any title including emphyteusis and sub-emphyteusis or otherwise deal in and hold for the purpose of development or resale and traffic in any freehold, leasehold or other property for any estate or interest whatsoever.*

Id-diretturi tal-kumpannija huma Maria Brincat u Anthony Gatt.

Skond klawsola 26 ta` l-*Articles of Association* tal-kumpannija, decizjoni dwar ix-xoljiment tal-kumpannija trid tittiehed b`risoluzzjoni straordinarja tal-kumpannija waqt laqgha generali.

Skond klawsola 27 ta` l-istess *Articles of Association* : ‘*extraordinary resolution’* tfisser rizoluzzjoni li :

*a) has been taken at a general meeting of which notice specifying the intention to propose the resolution as an extraordinary resolution has been duly given, and*

*b) has been passed and approved by a number of members having a right to attend and vote at any such meeting, holding in the aggregate not less than seventy-five per cent (75%) of the issued capital of the company having voting rights.*

Il-Qorti rat ir-risoluzzjoni tal-25 ta` Ottubru 2013 (Dok B) u hija tal-fehma illi tikkwalifika bhala risoluzzjoni straordinarja skond il-klawsola 27 ta` l-*Articles of Association,* u kwindi hija bizzejjed biex twassal ghax-xoljiment tal-kumpannija. Jirrizulta wkoll illi r-risoluzzjoni kienet approvata mill-azzjonisti **kollha**.

Skond l-*annual report* u l-*financial statements* tal-kumpannija (Dok D) ghas-sena li ghalqet 31 ta` Dicembru 2012, jirrizulta li matul dik is-sena, il-kumpannija m`ghamlet ebda negozju. Ma kellhiex profitt izda biss spejjez ta` amministrazzjoni. Assi totali kellha €9,315 u *current liabilities* ta` €34,241.

Kienu prezentati wkoll il-*management accounts* tal-kumpannija bejn l-1 ta` Jannar 2013 u t-28 ta` Ottubru 2013. Jirrizulta li l-kumpannija ma ghamlet l-ebda profitt izda kellha biss aspejjez ta` amministrazzjoni fl-ammont ta` €3,265. Fl-istess perijodu, kellha assi ta` €6,403, *capital and reserves* ta` €28,191 u kredituri ta` €34,595. Li jfisser li l-kumpannija tinsab minn taht.

Mill-affidavit tal-azzjonisti, jirrizulta li l-kumpannija saret b`inizjattiva ta` Dennis Gatt li miet fis-6 ta` Dicembru 2004. Fiz-zmien tal-mewt tieghu, il-kumpannija kienet diga` wieqfa. U hekk baqghet anke wara. Ghalhekk kien deciz mill-azzjonisti b`mod unanimu li jmorru ghax-xoljiment u ghall-istralc.

Skond Dok E mahrug fil-5 ta` Gunju 2012 mid-dipartiment tal-VAT, il-kumpannija *is not registered for the VAT Act 1998,* skond Dok F rilaxxjat mill-Ufficcju tat-Taxxi Interni fl-1 ta` Gunju 2012, il-kumpannija *has submitted all income tax returns and self-assessments up to and including the Year of Assessment 2011 and has no income tax liabilities to date* u skond Dok G rilaxxjat ukoll mill-Ufficcju tat-Taxxi Interni, il-kumpannija *has no liabilities in respect of employees` FSS payments and Social Security Contributions in terms of the Income Tax Acts and Social Security Act.*

Fit-28 ta` Ottubru 2013 il-kumpannija pprezentat lir-Registratur tal-Kumpanniji l-avviz tar-risoluzzjoni tax-xoljiment u stralc skond l-**Art 265(1)** tal-Kap 386 (Dok H).

Jirrizulta li n-negozju tal-kumpannija D.A.G. Company Ltd huwa wieqaf. Ilu hekk wieqaf tal-inqas mill-2004. Ghax ma hemmx attivita` ekonomika, ma hemmx *revenue.* Azjenda kummercjali inattiva jew illi ma toperax ma tistax tiggenera dhul. Kif irrizulta qeghda tinkorri biss spejjez. Ma hemmx rieda da parti tal-azzjonisti li l-kumpannija terga` tibda topera anke b`injezzjoni ta` kapital `frisk` da parti taghhom. Din il-Qorti sejra taderixxi mat-talba ghax-xolijiment u stralc tal-kumpannija de qua.

**Provvediment**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti qeghda tipprovdi dwar it-talba tal-kumpannija rikorrenti kif gej –**

**1) Tiddikjara li l-kumpannija rikorrenti D.A.G. Company Ltd (C9715) ottemperat ruhha mal-Art. 214(1)(a) tal-Kap. 386 tal-Ligijiet ta` Malta.**

**2) Tordna x-xoljiment u l-istralc tal-kumpannija D.A.G. Company Ltd (C9715) b`effett mill-25 ta` Ottubru 2013 kif ighid it-tieni proviso tal-Art. 223(1) tal-Kap. 386.**

**3) Tahtar lir-Ricevitur Ufficjali bhala stralcjarju bis-setghat u d-dmirijiet kif huma definiti u previsti fil-Kap. 386.**

**4) Tordna li l-ispejjez tal-provvediment tal-lum jithallsu mill-kumpannija D.A.G. Company Ltd (C9715).**

**5) Tordna li mil-lum `il quddiem l-ispejjez kollha tal-istralc inkluzi d-drittijiet u l-ispejjez tar-Ricevitur Ufficjali fil-vesti tieghu ta` stralcjarju, jithallsu mill-azzjonisti tal-kumpannija D.A.G. Company Ltd (C9715) u cioe` jithallsu minn Catherine Gatt (ID 166233M), Joseph Gatt (ID 616853M), Anthony Gatt (ID 617561M), Rita Gatt (ID 23863M) u Maria Brincat (ID 337056M) "in solidum" bejniethom, u dan bl-applikazzjoni tal-Art. 236(2) tal-Kap. 386.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------